

— v. tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvolkaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq talba għad-danni, fir-rigward tal-eżekuzzjoni żbaljata, mill-Kummissjoni, tas-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, *Ferriera Valsabbia et vs Il-Kummissjoni* (C-86/15 P u C-87/15 P, EU:C:2017:717), bi ksur tal-Artikolu 266(1) TFUE u tal-Artikolu 41(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

F'dan ir-rigward huwa osservat li l-Kummissjoni ma wettqitx il-ħlas sħiħ tal-interessi moratorji fuq is-sanzjoni rimborsata b'riżultat tas-sentenza.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq talba għal annullament, fir-rigward tal-ksur u tal-applikazzjoni żbaljata tal-Artikoli 266 u 296 TFUE. Ksur u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Nuqqas ta' motivazzjoni fl-ittra tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2021. Żball ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni.

F'dan ir-rigward huwa osservat li l-ittra li permezz tagħha l-Kummissjoni rrifjutat li tħallas l-interessi moratorji lir-rikorrenti, hija nieqsa minn motivazzjoni xierqa u tikser il-prinċipji fil-qasam tal-preskrizzjoni.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq talba għal annullament, fir-rigward tal-ksur u tal-applikazzjoni żbaljata tal-Artikoli 266 TFUE u tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni <sup>(1)</sup>.

F'dan ir-rigward huwa osservat li l-Artikolu 85a(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddetaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(2)</sup>, invokat mill-Kummissjoni fl-ittra tagħha tat-30 ta' April 2021, ma kienx għadu fis-seħħ fil-mument tar-rimbors tas-sanzjoni, u b'hekk ma kienx iktar applikabbli.

<sup>(1)</sup> ĠU 2012, L 362, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU 2002, L 357, p. 1.

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2021 – Feralpi vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-413/21)

(2021/C 431/48)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrent: Feralpi Holding SpA (Brescia, l-Italja) (rappreżentanti: G. Roberti u I. Perego, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- (i) abbażi tal-Artikoli 266(2) TFUE, 268 u 340(2) TFUE, tikkundanna lill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, tikkompensa d-dannu subit mir-rikorrenti minħabba n-nuqqas ta' ħlas, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-interessi moratorji fuq l-ammont tal-multa dovuti b'eżekuzzjoni, abbażi tal-Artikolu 266 TFUE, tas-sentenza ta' annullament tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 2017, C-85/15 P, li għandu jiġi kkwalifikat kif ġej:

- (a) ammont għall-interessi moratorji dovuti fuq l-ammont ta' EUR 10 250 000,00 tal-multa mħallsa provviżorjament mir-rikorrenti, għall-perijodu inkluż bejn l-4 ta' Marzu 2010 u s-26 ta' Ottubru 2017, stabbilit abbażi tar-rata ffissata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għat-tranżazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu<sup>o</sup>2010 (jiġifieri, wieħed fil-mija), miżjud bi tliet punti u nofs perċentwali, bit-tnaqqis tal-interessi bankarji diġà rċevuti, ugwali għal EUR 3 204 301,82 jew, sussidjarjament, iddeterminat skont ir-rata li l-Qorti Ġenerali tqis xierqa;

- (b) ammont għall-interessi moratorji msemmija fil-punt (a), għall-perijodu inkluż bejn is-26 ta' Ottubru 2017 u d-data tal-ħlas effettiv, jew, sussidjarjament, bejn is-16 ta' Marzu 2021 u d-data tal-ħlas effettiv, iddeterminat skont ir-rata tal-interessi msemmija fil-punt (a) jew, alternattivament, skont rata ta' interessi oħra li l-Qorti Ġenerali tqis xierqa;
- (ii) abbażi tal-Artikolu 263(4) tannulla d-deċiżjoni li tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni, Direttorat Ġenerali tal-Baġit, tat-30 ta' April 2021 (Ref. Ares(2021)2904279) li ħadet it-talba għar-rimbors tal-interessi msemmija mressqa minn Feralpi Holding S.p.A. tas-16 ta' Marzu 2021;
- (iii) tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors għad-danni, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed biss, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni hija marbuta, permezz tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tagħha, konformement mal-Artikoli 266(2), 268 u 340(2) TFUE, tħallas lir-rikorrenti kumpens f'ammont ugwali għall-ammont tal-interessi moratorji dovuti fuq il-multa rrimborsata lilha b'eżekuzzjoni, abbażi tal-Artikolu 266 TFUE, tas-sentenza ta' annullament tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 2017, C-85/15 P, u għall-ammont tal-interessi moratorji dovuti fuq tali somma.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

#### 1. L-ewwel motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

- F'dan ir-rigward jiġi osservat li, mill-motivazzjoni tal-komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali tal-Baġit ma jidhrux ir-raġunijiet li wassluha biex tqis li r-rikors tar-rikorrenti huwa preskritt.

#### 2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 266 TFUE u 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

- F'dan ir-rigward jiġi osservat li l-identifikazzjoni tad-*dies a quo* li minnha Direttorat Ġenerali tal-Baġit jibda jikkalkola d-dekorrenza tal-preskrizzjoni hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikoli 266 TFUE u 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

#### 3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur u fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 266 TFUE, tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002<sup>(1)</sup> u tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni<sup>(2)</sup>.

- F'dan ir-rigward jiġi osservat li d-Direttorat Ġenerali tal-Baġit irrefera għal regola li ma għadhiex fis-seħħ u li r-regoli stabbiliti fir-Regolament Nru 966/2012 u fir-Regolament Nru 1268/2012 għandhom madankollu japplikaw flimkien mal-Artikolu 266 TFUE u ma jeħilsux lill-Kummissjoni mill-obbligu li jirriżulta minn dan tal-aħħar.

<sup>(1)</sup> ĠU 2012, L 298, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU 2012, L 362, p. 1.

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2021 – eSlovensko Bratislava vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-425/21)

(2021/C 431/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: eSlovensko Bratislava (Bratislava-Staré Mesto, is-Slovakkja) (rappreżentant: B. Fridrich, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020)7415 final tal-21 ta' Ottubru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2018)6712 dwar is-selezzjoni u l-għoti ta' sussidji skont il-Mekkaniżmu għall-Interkonnessjoni fl-Ewropa fis-settur tat-Telekomunikazzjonijiet (Anness 1) innotifikata permezz ta' posta elettronika lil eSlovensko Bratislava fl-10 ta' Mejju 2021;